MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2005

Numru 726/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Roland Cassar**
**Spettur Anthony Portelli**
**v**

**JOANNE DEBATTISTA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **JOANNE DEBATTISTA** ta' wiehed u tletin sena, bint Joseph u Angela nee Lautier, imwielda H'Attard nhar l-ghaxra ta' April 1974, u residenti 4, Binja San Filippu, Triq il-Grigal, Isla, detentrici tal-karta tal-identita numru 191374M, giet mressqa quddiemha akkuzata talli fis-sebgha ta' Awissu 2005 iddenunzjat lil Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma kienx sar u holqot racci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak r-reat kien sar.

Rat id-dokumenti esebiti b'mod partikolari il-kunsens ta' l-Avukat Generali mmarkat bhala dokument CSH datat dsatax ta' Awissu 2005 esebit fl-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-dsatax ta' Awissu 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront taghha u u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputata hatja ta' l-akkuza kif addebitata fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li qed issbha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi segwenti ai fini ta' piena:

1. Il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali nett, imdellibbli bl-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghal hekk ghandha tigi trattata bhala first time offender;

2. Il-fatt li hi rregistrat l-ammissjoni taghha fl-ewwel okkazzjoni moghtija lilha u b'hekk gie evitat hin prezzjuz tal-Qorti kif ukoll spejjez pubblici;

3. Il-fatt li l-allegati vittmi f’dan il-kaz hafru lill-imputata ta’ ghemilha u li b’hekk is-socjeta in generali ma sofriet ebda danni materjali; u

4. li l-kwistjoni kollha kienet kolha wahda familjari bejn l-ahwa.

Ghaldaqstant, f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta’ conditional discharge.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed **issib lill-imputata JOANNE DEBATTISTA hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghha u tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn mill-lum** u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------